# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI STRUTTORJA

## MAGISTRAT DR. CLAIRE L. STAFRACE ZAMMIT B.A. LL.D.

**Illum 3 ta' Mejju, 2019**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Melvyn Camilleri)**

**vs**

**Jonathan Sciberras**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Jonathan Sciberras detentur tal-karta tal-identita' numru 114186M akkuzat talli f'Malta, fix-xahar ta' Awwissu 2008 u fix-xhur ta' qabel b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda :

1. xjentement ghex, ghal kollox jew f'parti minn fuq qligh tal-prostituzzjoni ta' persuna ta' taht l-eta' u cioe ta' Maria Cassar ta' 16-il sena ;

2. U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lokalitajiet u cirkustanzi biex jissodisfa iz-zina ta' haddiehor, hajjar ghal prostituzzjoni persuna taht l-eta u cioe lil Maria Cassar ta' 16-il sena, jew eccita l-korruzzjoni taghha, jew ghen jew iffacilita din il-prostituzzjoni jew korruzzjoni ;

3. u aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lokalitajiet u cirkustanzi ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taht l-eta ;

4. u aktar talli fix-xhur bejn Gunju u Awissu 2008 ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat ;

5. u aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lokalitajiet u cirkostanzi saq vettura ta' l-ghamla Ford Escort bin-numri tar-registrazzjoni EAX 649 minghajr ma kienet licenzjata mill-Pulizija ta' Malta jew mill-Awtorita dwar it-Trasport ta' Malta biex tintuza fit-triq (Licenzja mhix mgedda) jew minghajr licenzja tas-sewqan specifikata ghall-imsemmija vettura ;

6. u aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lokalitajiet u cirkostanzi saq vettura ta' l-ghamla Ford Escort bin-numri tar-registrazzjoni EAX 649 minghajr ma kienet koperta b'polza tas-sigurta' dwar riskji ta' terzi persuni ;

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412(C) tal-Kapitlu 9 tal-Ligjijet ta' Malta kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa.

F'kaz ta' htija l-Qorti giet mitluba li biex tipprovdi ghas-sigurta ta' **Maria Cassar** u l-familja taghha ai termini ta' l-artikolu 383 et sequitur, tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tat-28 ta' Awwissu, 2008 (inserita a fol. 176 tal-atti processwali) fejn l-Avukat Generali dehrlu li tista' tinstab htija (jew htijiet) fil-konfront tal-imputat taht dak li hemm mahsub u cioe':

a) Fl-Artikoli 18, 204, 189, 204C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Fl-Artikolu 7 tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta;

c) Fl-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta;

d) Fl-Artikolu 14 tal-AL 476/2004 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li waqt l-udjenza tas-17 ta' Ottubru, 2011 quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta, l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz mill-Qorti.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz id-dikjarazzjoni tal-partijiet quddiem din il-Qorti kif komposta fejn huma ddikjaraw illi ma kienx hemm ghalfejn li din il-Qorti terga' tisma' x-xhieda gja mismugha u li ma kellhomx aktar sottomissjonijiet xi jzidu.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Illi l-imputat gie akkuzat fost l-ohrajn li fix-xahar ta' Awwissu 2008 u fix-xhur ta' qabel huwa ghex minn fuq qligh ta' prostituzzjoni minn persuna

ta' taht l-eta' ossija Maria Cassar ta' sittax (16)-il sena kif ukoll ta' korruzzjoni ta' minorenni. Illi huwa jinsab akkuzat ukoll illi ghamel falsifikazzjoni ta' xi dokumenti u li saq vettura li ma kinitx munita b'licenzja u b'assikurazzjoni.

Illi f'dawn il-proceduri li tawwlu ammont kbir ta' snin instemghu diversi xhieda fosthom dawk tal-istess minuri Maria Cassar kif ukoll ta' ommha Doreen Cassar u ta' xi familjari u hbieb li dawn tal-ahhar ftit li xejn taw dawl fuq l-istorja.

Illi mit-testimonjanza ta' Maria Cassar quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta kif ukoll fl-istqarrija taghha fid-Depot tal-Pulizija, hija minn dejjem innegat l-involviment tal-imputat fil-fatt illi hija kienet tmur il-Marsa tipprostitwixxi ruhha. Fil-fatt hija ssemmi li certu Darren li kienet tmur mieghu l-Marsa u li kien iwassalha flimkien ma' habiba taghha Dona. Illi ftit li xejn sirna nafu dwar dawn iz-zewg protagonisti ghaliex ma ttellghux jixhdu.

Maria Cassar minn dejjem innegat ukoll illi hija qatt kellha attivitajiet sesswali mal-imputat anke jekk dan kien veru kienet tapplika l-massima latina

*corrupta non corrumpitur* ghaliex hareg car illi Maria Cassar kienet ilha tipprostitwixxi ruhha ferm qabel ma' saret taf lill-imputat.

Illi mix-xhieda ta' Doreen Cassar ma hareg prattikament xejn hlief li darba wahda semghet lit-tifla taghha tiggieled fuq it-telefon ma' dak li hasbet li kien l-imputat u semghet lit-tifla taghha tghid li din kienet qed tahdem ghalih. Illi aktar tard hija kienet giet elevata mill-pulizija ghaliex kienet mat-tifla taghha l-Marsa fejn din kienet tmur tipprostitwixxi ruhha. Illi hareg ukoll illi sussegwentement omm Maria Cassar giet akkuzata fuq akkuzi simili ghal dawn odjerni.

Illi finalment semghet ix-xhieda tal-imputat Jonathan Sciberras li ghal darb'ohra nnega l-akkuzi ta' qliegh minn prostituzzjoni u ta' korruzzjoni ta' minuri u ghaldaqstant il-verzjoni tieghu kienet konsistenti ma' dik li kien taha fl-istqarrija tieghu u dan li kien estranju ghal dawn l-akkuzi.

Illi rat li fis-seduta tal-15 ta' April elfejn u dsatax (2019) l-imputat irregistra ammissjoni tar-raba' (4), il-hames (5) u s-sitt (6) akkuzi kif dedotti kontrih fejn huwa kkonferma tali ammissjoni

fis-seduta tat-3 ta' Mejju elfejn u dsatax (2019) u cioe' ftit qabel ma nghatat din is-sentenza. Izda zamm ferm l-innocenza tieghu ghall-akkuzi l-ohra.

Rat ukoll illi ma ngabux provi sufficjenti a rigward l-ewwel tliet (3) akkuzi u dan ghaliex l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 63 jiddisponi testwalment:

> *(1) "Kull min, xjentement, jghix, ghal kollox jew f'parti, minn fuq il-qligh tal-prostituzzjoni ta' persuna ohra, jehel meta jinsab hati, il-piena tal-prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sentejn."*

Illi mbaghad is-subartikolu 3 tal-istess artikolu tal-ligi jitkellem dwar ic-cirkostanzi li ghandhom jezistu sabiex persuna ghandha titqies li qed tghix minn fuq il-qligh tal-prostituzzjoni:

> *(3) "Persuna titqies, sakemm ma jigix ippruvat il-kuntrarju, illi xjentement tghix, ghal kollox, jew f'parti minn fuq il-qligh tal-prostituzzjoni, jekk jinsab illi hija tghix jew soltu tkun ma' persuna li tezercita l-*

*prostituzzjoni, jew illi hija ikkontrollat jew mexxiet lil dik il-persuna jew kellha hakma fuqha b'mod li juri li hija qieghda tghin, thajjar jew iggieghel il-prostituzzjoni ta' dik il-persuna ma' persuna jew ma' persuni ohra."*

Fil-kaz inkwistjoni u mill-provi prodotti ma jistax jitqies li gie ppruvat sal-grad rikjest mil-ligi li l-imputat ghex fuq il-qligh tal-prostituzzjoni. Dan billi rrizulta li l-parte leza qatt ma giet imgieghla tmur il-Marsa tipprostitwixxi ruhha ghalkemm hija ssemmi persuna ohra maskili li kienet tmur mieghu li dan mhuwiex l-imputat.

Illi wisq anqas ma gie ppruvat illi l-imputat b'xi mod ikkorrompa lill-parte civile Maria Cassar.

Ghaldaqstant din il-Qorti sejra tinfliggi piena biss fuq dawk l-akkuzi li gew ammessi mill-imputat u cioe' ir-raba' (4), il-hames (5) u s-sitt (6) akkuzi kif dedotti kontra l-imputat.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 3 (1),

(2)(a) tal-Kapitolu 104 u l-Artikolu 14 tal A.L. 476/2004 filwaqt li ssib lill-imputat **Jonathan Sciberras** hati tar-raba' (4), il-hames (5) u s-sitt (6) akkuzi fuq ammissjoni u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tikkundannah ghall-piena ta' sena (1) prigunerija sospiza ghal sentejn (2) filwaqt li tilliberah mill-ewwel (1), it-tieni (2) u t-tielet (3) akkuzi fuq nuqqas ta' provi.

Din il-Qorti qed tordna sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan tal-imputat ghall-perjodu ta' tmint (8) ijiem dekorribbli min-nofs il-lejl ta' ghada.

Finalment, spjegat fi kliem semplici lill-imputat, ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**